ĦAL GĦAXAQ

Minuti tal-laqgħa Nru. 53 tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, nhar it-Tlieta, 11 ta' Settembru, 2012, fis-2.00pm.

| **Preżenti** | **Il-Membri** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Emanuel Vassallo |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe M. Abdilla |
| Il-Kunsillieri | Is-Sinjura Rose Agius<br>Is-Sur Angelo Attard<br>Is-Sur Alan Picco |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sinjura Therese Xuereb |

Aġenda

---

1. Minuti;
2. Tagħrif mill-Minuti;
3. Korrispondenza;
4. Materji Finanzjarji: a) *Petty Cash* Awwissu 2012;

   b) Skeda ta' Ħlas Awwissu 2012;

   c)Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju għall-ewwel sitt xhur tas-sena (Jannar-Gunju'12) - Kumitat tal-Finanzi;

5. Toroq;
6. Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

ĦAL GĦAXAQ

1. **Minuti**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 52 ittieħdu bħala moqrija.

Is-Sindku staqsa kienx hemm rimarki. Peress li ma kienx hemm rimarki huwa ppropona li jkunu adottati. Issekonda l-Kunsillier Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament.

2. **Tagħrif mill-Minuti**

Dwar item 3.1, is-Segretarju qalet li waqt iċ-ċerimonja tal-fondi għall-librerija l-Kunsill ingħata €466, nofshom biex jinxtraw kotba u nofs l-ieħor jista' jintuża biex tittranġa l-librerija bħal xkaffar, etc.

Dwar il-laqgħa rigward il-*Playingfields*, s-Segretarju qalet li l-*iStandards Authority* ser tibda twaħħal tabelli skond l-istat li tkun tinsab fiha l-*Playingfield*.

3. **Korrispondenza li rċieva l-Kunsill:- ( Posta u e-mails)**:-

1. Mid-Dipartiment infurmaw li twaqqaf Bord tal-Monitoraġġ tal-Kunsilli Lokali, fejn ġejna mitgluba nagħtu s-suġġerimenti tagħna.

   Infurmaw ukoll li ser isir Konferenza fl-4 u l-5 t'Ottubru, 2012 dwar '*Enabling Local Councils to support the Business Community*'. Din ser tattendi għaliha s-Segretarju.

2. Mill-AKL, fejn bagħatu stqarrija għall-Istampa dwar il-Ħtieġa ta' riforma sħiħa fil-qasam tal-kura primarja.
   Bagħatu stqarrija oħra *Healthy Mobility in Sliema – A Case Study*.

   Baghatu tagħrif ukoll dwar *Digital Video Conference* mingħand il-*Maltese Confederation if Women's Organisations* li ser issir fl-Ambaxxata Amerikana, Ta' Qali fis-26 ta' Settembru, fis-7.00pm

3. Mill-MEPA bagħatu applikazzjoni PA 1898/12 dwar kostruzzjoni ta' *maisonette* u żewġ *flats* fi Triq il-Barklor.
   Bagħatna l-oġġezzjoni tagħna dwar l-iżvilupp PA 2256/10 fi Triq il-Kunċizzjoni, dwar kostruzzjoni ta' flats u garaxxijiet, dan jagħmel parti minn Ġnien il-Kmand. Irċevejna wkoll li ser is-smigħ fl-20 ta' Settembru, 2012, fuq dan l-iżvilupp, fejn ser jattendu s-Sindku.
   Mill-MEPA infurmaw li l-bilanċ disponibbli għal fondi tal-UIF huwa ta' € 31,329.78.
   Anness ukoll DCC.

4. Mingħand *Transport Malta,* fejn infurmaw li talab li saret sabiex isir *sleeping police* fi Triq B'bugia ma ġietx aċċettata peress li fejn qed tintalab li ssir ikun viċin wisq tal-junctions li hemm għal Triq St.Marija u toroq l-oħra tal-madwar.

5. Mir-Reġjun Nofsinhar infurmaw li b'effett mill-1 ta' Settembru ser jibda l-kuntratt ġdid tal-LES li minflok ser ikunu mal-kumpanija *Sterling Security* ser nibdew noperaw mal-*Guard & Warden*.

6. Mill-WasteServ infurmaw li ser isir seminar fl-14 ta' Settembru, 2012, dwar *Waste Reduction & the EWWR 2012*.

7. Mill-MRRA fejn talbu informazzjoni dwar Bexx tas-Siġar tal-Palm.

8. Mingħand Vincent Camillieri, fejn infurma li *topographic surveys* ser jiġu esegwiti hekk kif kwotat minnhu.

9. Irċevejna l-*invoice* mingħand ECAD ta' € 200 għal *membership* ta' 2012.

10. Mingħand Sur Cutajar dwar il-*leaflet* ta' nformazzjoni dwar il-korisjiet tal-*Lifelong Learning*.

11. Mill-ETC dwar tiġdid fl-iskema tas-Sur Bonnici għal sitt xhur oħra.

12. Mingħand is-surġent Johann Mifsud dwar talba ghal laqgħa miegħu dwar frodi.

13. Mingħand Aaron Axiaq dwar servizz ta' nurse għall-*injection* tal-influwenza. Dwar dan is-servizz il-Viċi Sindku qal li jaqbel li l-*injection* tal-influwenza tingħata mill-Kunsill għax ir-residenti ta' Ħal Għaxaq ma jafux li dan is-servizz qed jingħata mill-Kunsill iżda jaħsbu li dan qed jingħata b'xejn mill-ispiżjara. Sar qdil li tinbagħat e-mail lis-Sur Axiaq biex insaqsuh kemm hi r-rata biex jagħti dan is-servizz.

14. Mingħand F.Busuttil *Service Station* Ltd., sabiex isir *junction*, fic-*central strip* li hemm f'Tal-Barrani.

15. Mill-OPM fejn infurmaw li ser issir training session għas-Segretarji w l-Iskrivani fit-18 ta' Settembru, 2012, ġewwa l-Kunsill Lokali taż-Zejtun. Dawn it-tnejn ser jattendu.

16. Mingħand Għaxaq FC, fejn irringrazzjaw lill-Kunsill Lokali tal-għajnuna li ta fir-rigward tax-xogħol tal-asfaltar li sar ta' ħdejn id-*dressing rooms*.

17. Mingħand il-Perit Ellul irċevejna kont relatat mar-*resurfacing works* li sar ta' *Phase 2* li jammonta għal € 163,933.57; u wkoll kont ieħor relatat ma' *Phase 2* fuq xogħol tal-WSC li jammonta għal € 20,904.35, flimkien ma' kontijiet oħra tax-xogħol li sar minn naħa tal-Perit.
   Is-Sindku qal li l-kont tat-toroq ma jinkludix Triq it-Tumbarellu w Triq San Gorg.
   Il-Kunsill approva dawn il-ħlasijiet.

18. Mingħand Kerry Hermitage dwar *workshops* li ser isir għat-tfal bejn it-8 u l-11 il-sena, jekk dejjem il-Kunsill ikun interessat li dawn isiru fil-lokal u nfurmat ukoll li d-dati disponibbli huma 9, 16, 23 u 30 ta' Jannar, 2013.
Dwar dawn il-korsijiet, il-Kunsill qabel li dawn għandhom ikunu interessanti għat-tfal u għaldaqstant Ms Hermitage tista' tiġi nfurmata biex tqassam il-materjal promozzjonali biex dawn il-korsijiet isiru.

19. Mingħand Ray Abela tat-TCTC fejn infurma dwar il-korijsiet li ser isir fix-xitwa u spjega li dan ser jingħataw b'xejn. Iżda l-Kunsill irid ikun marbut bi ftehim ta' € 1,100 sabiex ikun koperti 85 student u wkoll dak kollu li għandhu x'jaqsam mal-*marketing.*

20. Irċevejna nformazzjoni dwar diskussjoni li ser issir il-*Waterfront*, il-Gzira nhar is-27 ta' Settembru, fl-10am. Din id-diskussjoni ser tkun dwar *Freight Transport*. Din ser jattendi għaliha s-Sindku.

**<u>Korrispondenza li ntbagħatet mill-Kunsill:- ( Posta u e-mails)</u>:-**

a) Intbagħatet e-mail lill-Kummissarju dwar diskors li kien sar fuq każ ta' vandaliżmu minn żgħażagħ u kien preżenti l-Ispettur Portelli u dak kollu li ntqal waqt din il-laqgħa ġie żvelat minn omm ta' wieħed miż-żgħażagħ lis-Sinj. Agius. Fejn wieġeb li peress li ilu li spiċċa mill-Kariga tiegħu Ispettur Portelli ma jistax jitkellem f'isimhu u skuża ruħu b'mod in ġenerali.

b) Intbagħatet e-mail lis-Sinj. Markham tat-TM sabiex ninghataw parir dwar parti minn bankina li tinsab quddiem garaxx Nru. 13 fi Triq San Filippu.

## 4. <u>Materji Finanzjarji</u>

a. *Petty Cash*: Is-Segretarju elenkat infieq li sar mill-flus fl-idejn matul Awwissu 2012, li kienu jammontaw għal € 10.00. Il-Viċi Sindku qara l-lista tan-nefqiet li saru u ressaq l-istess lista għal kummenti u l-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill. Is-Segretarju talbet li tiġi kkumpensata b'€ 10.00 għall-*petty cash*. Il-Kunsill qabel, wara li l-proposta kienet sekondata mill-Kunsillier Attard.

b. *Skeda ta' Ħlas Awwissu 2012*: Is-Segretarju poġġa fuq il-Mejda Skeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Awwissu 2012 u li jammontaw għal **€19,356.99**
Is-Sur Abdilla qara lista tal-pagamenti u wara ressaq l-approvazzjoni tal-Iskeda tal-Ħlas u ġiet sekondats mis-Sinjura Agius. Il-Kunsill qabel unanimament.

c. *Is*-Segretarju ċċirkolat kopji tar-Rapport Finanzjarju għall-ewwel sitt xhur tas-sena (Jannar-Gunju'12), kif ukoll kopja tal-Minuti Nru 1/12 tal-Kumitat tal-Finanzi, fejn dawn ir-rapporti ġew approvati.

Il-Viċi Sindku spjega li waqt il-laqgħa tal-Finanzi, fejn il-membri kollha preżenti kienu attendew għal din il-laqgħa ma' kien hemm l-ebda problemi, għaldaqstant ppropona li l-Kunsill jadotta l-Minuti li jinkludu r-Rapport Finanzjarju.

Wara diskussjoni l-Kunsill unanimament approva dawn il-Minuti w ir-rapporti kif preżentati.

6. **Toroq**

Is-Sindku qal li wara laqgħa li saret mal-MEPA, is-*Survey* irriżulta li parti n-naħa tal-grawnd u l-parti l-oħra hemm il-ħtieġa li jsir *culvert* minħabba l-ilma tax-xita li qed jaqleb lejn dawk in-naħat.

Is-Sur Attard qal li ser ikun hemm dżzgwid mal-bdiewa jekk l-ilma tax-xita jinżel għal ġo l-għelieqi għax dan jagħmel il-ħsara.

Is-Sur Vassallo qal li hemmhekk is-Sur Frans Bonnici, sid ir-raba kellu jagħmel kanal u katusi biex jgħaddi l-ilma tax-xita u dawn il-katusi qatt ma' saru. Qal ukoll li jekk dawn isiru l-Kunsill ikun jista' jagħti l-konkos biex jagħlaq.

Is-Sur Abdilla qal li l-aħjar issir laqgħa mas-Sur Frans Bonnici biex jiġi diskuss pjan ta' ħidma tal-ilma.

Il-Kunsill qabel.

**10**. **Suġġerimenti mill-Kunsilliera**

a. Is-Segretarju qalet li tixtieq tfakkar il-Kunsill li t-*tenders* tal-*Insurance*, tal-*Patching* tat-Toroq, tas-Servizz tal-Perit u tal-*Provision of Concrete* jagħlqu lejn l-aħħar ta' Settembru. Għaldaqstant qed titlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex dawn it-*tenders* joħorġu għall-pubbliku. Il-Kunsill qabel.

b. Is-Sinjura Agius staqsiet jekk il-Kunsill irċeviex korrispondenza dwar il-biċċa art li intalbet biex issir l-ATM. Qalet ukoll li l-Kunsill irid joqgħod attent għax din tkun b'kera b'rata kummerċjali jaf tkun għolja mhux ħażin.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu ma rċieva xejn iżda qal ukoll li l-Kunsill mhu se jidħol f'ebda spejjeż biex din l-ATM issir.

c.Il-Viċi Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel talba għal area tal-wied fejn hemm iż-Żebbug fuq ħlas nominali,biex b'hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu ħsieb li ma jsirux abbużi. Ġie mitqal li ftit ilu ntrema' żiemel mejjet u ġimgħa wara nstabet debba mejta ukoll.

Is-Sindku qal li dejjem kien hemm il-ħsieb li fil-futur issir *picnic area* fiż-żebbuġ.

Il-Kunsill qabel.

d.Il-Kunsillier Attard qal li avviċinatu persuna li tixtieq tieħu ħsieb it-Turretta, tnaddafha, u tirranġha fiha dak li hemm bżonn. Is-Sur Attard qal ukoll li din il-persuna għandha nformazzjopni relatata mat-Turretta u tixtieq li tesponija għall-pubbliku. Din il-persuna lesta li tagħmel dan ix-xogħol kollu mingħajr ħlas.

Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta w ġie deċiż li ssir laqgħa ma' din il-persuna.

e.Is-Sinjura Agius qalet li hawn ċertu Kunsilli fosthom tal-Gudja li qed jagħtu s-servizz li s-soltu jingħata mis-Servizzi Soċjali bħal ġbir ta' ċertifikati tal-mard.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien kiteb id-Dipartiment tas-Servizzi Soċjali biex ikun jista jagħti dan is-servizz u t-tweġiba kienet li f'ċertu Kunsilli kien qed isir Proġett Pilota w jekk dan jirnexxi dan il-proġett jiġi estiż għall-Kunsilli oħra.

f. Is-Sur Attard qal li Triq in-Niġem, f'Tal-Millieri fil-maltemp minħabba li t-triq għolja l-ilma m'hemmx fejn imur.

Is-Sindku qal li l-aħjar tinkiteb ittra lil-*Transport Malta* li dik il-parti tat-triq qed iżżomm ħafna ilma.

Il-Kunsill qabel.

g. Il-Kunsilliera Agius qalet li jeħtieġ issir xi ħaġa biex it-toqob tal-festi ma jkunux perikolużi kif inhuma bħal issa. Qalet li minbarra li huma fi stat ħażin qed jinġabar ħafna ħmieġ fihom u huma ta' periklu. Qalet li dawn jeħtieġ jiġu mgħotija.

Is-Sindku qal li hemm il-ħsieb li dawn isirilhom wiċċ bis-*cement*. Il-Kunsill qabel.

h. Is-Sindku qal li meta jsiru l-*iStreet Concerts* l-organizzaturi għandhom jintalbu biex iħallsu għat-tindif minħabba li l-Kunsill qed jidħol f'ħafna spejjeż biex inaddaf u jġib l-iskips. Il-Kunsill qabel.

**11. <u>Aġġornament</u>**

Is-Sindku fl-4.15pm aġġorna s-Seduta għal nhar it-Tlieta, 9 t'Ottubru, 2012, fis-2:00 p.m.

| | |
|---|---|
| **Emanuel Vassallo** | **Donna Mallia** |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

**<u>Ikkonfermati:- It-Tlieta, 9 t'Ottubru, 2012, fis-2.00pm</u>**